# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' April 2018**

**Numru 6**

**Citazzjoni numru 1729/98 SM**

**Mid Med Bank p.l.c. u b'nota tat-12 ta' Ottubru, 1999, l-isem tal-Bank attur sar HSBC Bank Malta p.l.c.**

**v.**

**Socjeta` Powercrete Limited u Alfred Grixti u martu Monica Grixti, l-Avukat Patrick Spiteri ghal kull interess li ghandu u b'digriet tad-29 ta' Mejju 2017 Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno ġew nominati bħala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Dr Patrick Spiteri; u b'digriet tal-24 ta' Awwissu 2017 id-digriet tad-29 ta' Mejju 2017**
**ġie revokat contrario imperio;**
**u b'digriet tas-7 ta' Dicembru, 2007,**
**l-Avukat Dottor Richard Sladden u -Prokuratur Legali Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**il-kumpanija Socjeta` Powercrete Limited (C-16119)**

**Preliminari**

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed principali ad istanza tal-konvenuti Alfred Grixti u Monica Grixti [l-appellanti] u l-iehor incidentali ad istanza tas-socjeta` attrici HSBC Bank Malta plc [il-Bank attur], mis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili [l-ewwel Qorti] fis-27 ta' Novembru 2012, li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt illi cahdet l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti kollha, laqghet it-talbiet attrici billi [1] iddikjarat li l-formazzjoni tas-socjeta` Powercrete Limited hija nulla stante li l-kapital intier taghha gie sottoskritt minn Alfred Grixti u Patrick Spiteri ghan-nom ta' persuna mhux residenti f'Malta, certu Vere Lodder, minghajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi kif rikjest mill-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju; [2] iddikjarat li l-konvenuti Grixti u Spiteri huma personalment responsabbli ghar-rifuzjoni tal-ammont suppost misluf lis-socjeta` Powercrete Limited; [3] ikkundannat lill-konvenut Alfred Grixti u martu Monica Grixti biex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' €133,151.15; [4] iddikjarat li mhux qed taghmel l-ebda provvediment simili fil-konfront tal-konvenut Patrick Spiteri stante l-arrangament li dan il-konvenut ghandu mal-istess Bank attur datat 27 ta' Jannar 1998, bl-ispejjez inkluzi tal-protest gudizzjarju tal-25 ta' Gunju 1998 kontra l-konvenuti Alfred Grixti u Patrick Spiteri u bl-imghaxijiet legali fuq is-somma fuq indikata kontra l-konvenuti Alfred u martu Monica Grixti sad-data tal-effettiv pagament.

2. Illi permezz ta' digriet moghti fit-18 ta' Jannar 2013 fuq talba tal-Bank attur[1], l-ewwel Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni tas-sentenza appellata ai termini tal-Artikolu 825 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili in kwantu ghall-ammont indikat fit-tielet kap tas-sentenza, billi ordnat li l-ammont li ghandu jithallas mill-konvenuti Alfred u Monica Grixti ghandu jkun ta' €66,575.58 minflok l-ammont indikat fis-sentenza ta' €133,151.15, izda cahdet it-talba ghall-korrezzjoni mitluba mill-Bank attur in kwantu ghad-dekorriment tal-imghaxijiet legali fuq is-somma dovuta kif indikat fic-citazzjoni promotrici.

**Mertu**

3. Il-konvenuti Alfred Grixti u Patrick Spiteri kienu fformaw bejniethom kumpannija bl-isem Powercrete Limited li giet inkorporata fit-13 ta' April 1994, b'kapital azzjonarju ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) maqsum f'hames mitt sehem ta' Lira Maltija (Lm1) kull wiehed, liema ishma gew sottoskritti mill-konvenuti ugwalment bejniethom in kwantu ghal 250 sehem kull wiehed. Iz-zewg konvenuti msemmija kienu wkoll l-ewwel diretturi tal-kumpannija Powercrete Limited.

[1] Rikors datat 19 ta' Dicembru 2012.

4. Fit-18 ta' April 1994, il-Bank attur silef lill-kumpannija Powercrete Limited [il-kumpannija] is-somma ta' Lm42,973.44[2] li, bl-imghax dovut sal-21 ta' Settembru 1997, lahqet is-somma komplessiva ta' Lm57,161.79. Skont il-konvenuti, dawn il-fondi kellhom jintuzaw mill-kumpannija sabiex jigi finanzjat ix-xiri ta' makkinarju mill-esteru ghall-produzzjoni tal-konkrit, bhala parti min-negozju li kellu jibda jigi gestit minn din il-kumpannija. Jispjegaw illi huma ddecidew li jintrapprendu dan in-negozju bl-assistenza ta' certu Vere Lodder mill-Afrika t'Isfel u detentur ta' passaport Awstraljan, li kien intiz u kellu konnessjonijiet tajbin f'dan il-qasam ta' negozju. Mill-provi jirrizulta illi l-imsemmi Vere Lodder kien klient tal-konvenut Spiteri u kienu involuti f'diversi transazzjonijiet finanzjarji flimkien, filwaqt illi jirrizulta wkoll illi l-Bank attur kien diga` avvanza xi fondi lill-imsemmi Vere Lodder in linea ta' *personal loan*.

5. Fit-28 ta' Dicembru 1995 il-konvenuti nnotifikaw lir-Registru tal-Kumpanniji bir-rizenja taghhom bhala diretturi tal-kumpannija u bir-rizoluzzjoni li ttiehdet fl-istess data mill-kumpannija u li permezz taghha kien gie nominat bhala l-uniku direttur tal-kumpannija, l-imsemmi Vere Lodder.

---

[2] Vide Dok. A1 a fol 25 tal-atti tar-rikors ghar-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni [Rikors 45/99], allegati mal-atti ta' din il-kawza.

6. Il-Bank attur jikkontendi illi z-zewg konvenuti azzjonisti ssottoskrivew ghall-ismha fil-kumpannija ghan-nom tal-imsemmi Vere Lodder bhala *nominees* tieghu, minghajr qatt ma nkiseb il-permess tal-Ministru tal-Finanzi li kien rikjest dak iz-zmien skont l-Artikolu 17 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju [Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta] peress li Lodder ma kienx residenti Malta ghall-finijiet tal-imsemmija legislazzjoni. It-tezi tal-Bank hija fis-sens illi n-nuqqas tal-permess li kien rikjest mill-Kapitolu 233 fic-cirkostanzi ta' din is-sottoskrizzjoni tal-ishma tal-kumpannija jgib in-nullita` tal-formazzjoni tal-istess kumpannija Powercrete Limited b'mod illi l-konvenuti, li kienu huma li ffirmaw biex jigu avvanzati l-fondi mislufin, ghandhom ghalhekk jitqiesu li huma personalment responsabbli ghall-hlas lura tas-self in kwistjoni. Il-Bank isostni wkoll illi l-fatt li l-konvenut Patrick Spiteri accetta li jhallas sehmu ta' nofs id-dejn dovut fuq is-self bankarju in kwisjtoni, u effettivament issalda l-hlas ta' sehmu, ghandu jitfisser bhala accettazzjoni li d-debitu huwa dovut personalment mill-istess konvenuti in kwantu ghal nofs kull wiehed.

7. Fic-citazzjoni ta' din il-kawza, il-Bank attur talab lill-ewwel Qorti:-

> "1. Tiddeciedi li l-formazzjoni tas-socjeta` "*Powercrete Limited*" hija nulla stante li l-kapital intier taghha gie sottoskritt minn Alfred Grixti u l-Avukat Patrick Spiteri ghan-nom ta' persuna mhux residenti f'Malta, certu Vere Lodder, minghajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi kif rikjest mill-Att Dwar il-Kontroll tal-Kambju;

"2. Tiddeciedi li l-konvenuti Grixti u Spiteri fuq indikati huma personalment responsabbli ghall-hlas lura tal-ammont suppost misluf lis-socjeta` "*Powercrete Limited*";

"3. Illi in vista tal-arrangamenti li l-Bank attur lahaq mal-konvenut Spiteri, tikkundanna lill-konvenut Grixti jhallas lill-Bank attur is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, hames mija u tmenin Lira Maltin u disghin centezmu, (Lm28,580.90), fuq imsemmija;

8. Il-konvenuti Patrick Spiteri u Alfred Grixti u martu Monica Grixti, ilkoll laqghu ghat-talbiet attrici fil-mertu bl-eccezzjoni li t-talbiet attrici huma neqsin minn bazi legali u fattwali ghaliex is-somma reklamata giet mislufa lill-kumpannija Powercrete Limited u mhux lill-azzjonisti personalment. Cahdu ulterjorment illi l-ishma tal-kumpannija gew sottoskritti minnhom ghan-nom ta' Vere Lodder, u jikkontendu illi anke kieku dan huwa minnu, dan ma jgibx in-nullita` tal-kumpannija izda biss ksur tar-regoli dwar il-kontroll tal-kambju.

**Is-Sentenza Appellata**

9. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tilqa' t-talbiet attrici billi ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li, ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell, qeghdin jigu riprodotti fl-intier taghhom:

"Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

"1. Illi fit-13 t'April, 1994, giet kostitwita s-socjeta` konvenuta "*Powercrete Limited*" skont il-ligi, b'kapital ta' hames mitt Lira

Maltin, (LM500,00), maqsuma f'hames mitt (500) sehem ta' Lira Maltin, (LM1.00), 'il wiehed;

"2. Illi l-imsemmija ishma gew sottoskritti mill-konvenuti Alfred Grixti u Patrick Spiteri ugwalment bejniethom li kienu wkoll l-ewwel diretturi tal-istess socjeta`;

"3. Illi fit-18 t'April, 1994, il-Bank attur silef lill-istess socjeta` hawn fuq indikata mitt elf u mitt Ewro u sittax –il centezmu, (€100,100.16), li bl-imghax dovut sa meta giet ipprezentata l-kawza odjerna, kienet zdiedet ghal mija u tlieta u tletin elf, mija u wiehed u hamsin Ewro u hmistax –il centezmu (€133,151.15), u li ghal dan is-self kienu ffirmaw ghalih il-konvenuti Grixti u Spiteri;

"4. Illi fit-28 ta' Dicembru, 1995, iz-zewg konvenuti diretturi kienu rrizenjaw minn din il-kariga u ghamlu, u ffirmaw, rizoluzzjoni li permezz taghha tpogga direttur flokhom Vere Lodder;

"5. Illi wara li kien gie konkluz is-self fuq riferit, kien irrizulta li l-konvenuti Grixti u Spiteri fuq riferiti kienu ssottoskrivew ghall-ishma taghhom in dizamina lil certu Vere Lodder li ma kienx residenti Malta, u dan, minghajr ma ottjenew il-permess mill-"*Exchange Control Division*" tal-Bank Centrali ta' Malta, liema permess hu necessarju biex persuna li mhix residenti Malta tkun tista' tissottoskrivi ghal ishma f'kumpanija registrata lokalment;

"6. Illi dan il-fatt jirrizulta li kien ben risaput mill-konvenuti Grixti u Spiteri kif anke jirrizulta mill-minuti tal-laqghat bejnhom u l-bank attur, ipprezentati in atti f'din il-procedura;

"7. Illi l-iskop wara t-twaqqif tas-socjeta` konvenuta "*Powercrete Limited*" jirrizulta li kien biss biex jippermetti lil Vere Lodder jinnegozja fit-territorju Malti;

"8. Illi pero`, jirrizulta li dan Lodder ma kienx persuna residenti f'Malta (ara fol 62 et sequitur), u ghalhekk ai fini tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta fuq riferiti, dan ma setax jissottoskrivi ghall-ishma in dizamina jekk ma jkollux minn qabel il-*fiat* tal-Ministru tal-Finanzi skont il-ligi – *fiat* li mhux biss ma kellux, izda li jirrizulta li lanqas biss talab;

"9. Illi di piu`, jirrizulta wkoll li ma saret l-ebda applikazzjoni ai fini tal-"*Exchange Control*" li kienet tapplika dak iz-zmien, mal-Bank Centrali ta' Malta f'isem is-socjeta` "*Powercrete Limited*";

“10. Illi konsegwentement, la s-socjeta` “*Powercrete Limited*” ma kinitx munita bil-permessi necessarji fuq indikati, allura l-uniku skop ghall-formazzjoni taghha kien biex tiffinanzja n-negozju ta’ persuna mhux residenti Malta;

“11. Illi ghalhekk is-socjeta` “*Powercrete Limited*” hi nulla u ghalhekk, il-konvenuti Alfred Grixti u Spiteri huma personalment responsabbli ghar-rifuzjoni tal-ammont lilhom misluf mill-Bank attur gialadarba kienu ffirmaw ghalih;

“12. Illi kif jirrizulta mill-ittra datata s-27 ta’ Jannar, 1998, (ara fol 97 u 98 et sequitur), il-konvenut Spiteri accetta li jaghmel tajjeb personalment ghas-sehem tieghu mis-self in dizamina kif minnu stess liberament attestat mill-firma tieghu fuq iz-zewg pagni tal-istess dokument;

“13. Illi l-ammont misluf lill-konvenuti qatt ma gie wtilizzat ghall-iskop li kien originarjament minnhom intqal li ser jintuza;

“Ikkunsidrat:

“Illi in vista tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

“1. Illi permezz ta’ twaqqif ta’ socjeta` fil-minimu kostruttiv taghha, l-konvenuti Alfred Grixti u Spiteri jidher li ttentaw jaggiraw lill-Bank attur biex jipperswaduh isellifhom l-ammont meritu ta’ din il-kawza;

“2. Illi fir-rigward tal-konvenut Spiteri, l-oggezzjonijiet minnu esposti f’din il-procedura huma kollha minghajr effett stante li l-ftehim li hu issottoskriva fis-27 ta’ Jannar, 1998, jikkontradixxi ghal kollox din il-linja, u jakkollah b’responsabbilita` li ma jistax jezimi ruhu minnha;

“3. Illi rigward il-konvenut Grixti ghandu jinghad li l-allegazzjonijiet indirizzati mill-Bank attur fil-konfront tieghu jirrizultaw ipprovati skont il-ligi stante li l-povi prodotti juru s-segwenti:

“i. Illi mal-konvenut Spiteri hu waqqaf is-socjeta` “*Powercrete Limited*” bil-minimu finanzjarju possibbli;

“ii. Illi ghalkemm kien jaf li kellu cittadin esteru li kien ried li jinvolvi fl-imsemmija socjeta`, dan naqas li jinvolvieh skont id-dettat tal-ligijiet vigenti f’dak il-perjodu;

“iii. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-responsabbilita` li hu u l-konvenut Spiteri assumew mal-Bank attur, gew

minnhom assunti personalment u mhux taht is-sotterfug li riedu jistahbew tahtu;

"iv. Illi in effetti, tali sotterfug hi ovvjament ta' indole kriminali u tawspika lil min hu dovut, ghandu janalizza l-operat de quo anke minn din l-ottika;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti Alfred u martu Monica Grixti rigwardanti l-irritwalita` tal-procedura odjerna ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

"1. Illi rigwardanti l-htiega tal-involviment ta' mart il-konvenut Grixti f'din il-procedura ghandu jinghad li dan gie sorvolat fil-11 ta' Marzu, 1999, meta l-qorti diversament preseduta ordnat il-korrezzjoni mitluba biex tizdied il-konvenuta Monica Grixti mal-konvenuti l-ohra;

"2. Illi rigward ir-rapprezentanza tas-socjeta` "*Powercrete Limited*" kwalunkwe difett li seta' kien hemm kien gie debitament superat bil-hatra ta' kuraturi deputati li effettivament ippartecipaw f'din il-procedura;"

**L-Appelli**

10. Il-konvenuti Alfred Grixti u martu Monica Grixti pprezentaw l-appell taghhom permezz ta' rikors datat fit-12 ta' Dicembru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi s-sentenza appellata tigi revokata billi jigu milqugha l-eccezzjonijiet taghhom u michuda t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

11. L-aggravju tal-konvenuti appellanti jikkonsisti in succint fil-lanjanza illi l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha li tilqa' t-talbiet

attrici fuq asserzjonijiet gratuwiti u mhux fuq fatti konkreti, kif ukoll fuq interpretazzjoni zbaljata tal-ligi in materja, u dan fir-rigward [i] kemm tas-sottoskrizzjoni tal-ishma tal-kumpannija mill-azzjonisti bhala *nominees* ta' Vere Lodder u n-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija Powercrete Limited, [ii] kif ukoll tar-responsabbilita` personali tal-konvenuti ghall-hlas tas-self moghti lill-istess kumpannija.

12. Il-Bank attur wiegeb ghall-appell principali permezz ta' risposta tal-appellipprezentat fis-17 ta' Jannar 2013 fejn, ghar-ragunjiet imsemmija fl-istess risposta, issottometta illi s-sentenza appellata, salv ghal dak li jifforma l-mertu tal-appell incidentali minnu pprezentat flimkien mal-istess risposta tal-appell, hija gusta u timmerita konferma, u talab ghalhekk li l-appell principali jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanti principali.

13. Permezz tal-appell incidentali interpost flimkien mar-risposta ta' l-appell tieghu tas-17 ta' Jannar 2013, il-Bank attur talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma dik il-parti tas-sentenza appellata billi tiddikjara li l-imghax fuq il-kapital dovut mill-konvenuti appellanti huwa dovut mit-22 ta' Settembru 1997 skont kif mitlub fic-citazzjoni promotrici, u billi ghall-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

14. Il-konvenuti appellanti wiegbu ghal dan l-appell incidentali permezz ta' risposta pprezentata fid-19 ta' April 2013 fejn issottomettew li l-appell incidentali huwa null ghaliex il-mertu tieghu gia` gie deciz permezz tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-18 ta' Jannar 2013 li cahad l-istess talba maghmula mill-Bank attur rigward id-dekorriment tal-imghax. Il-konvenuti appellanti sostnew ukoll li, f'kull kaz, in-nuqqas ta' indikazzjoni espressa fis-sentenza appellata dwar id-data li minnha ghandu jibda jiddekorri l-imghax ifisser necessarjament li l-ewwel Qorti riedet li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata. Talbu ghalhekk li l-appell incidentali jigi michud bl-ispejjez kontra l-Bank attur.

15. Qabel ma din il-Qorti tibda tittratta l-aggravji mertu ta' dawn l-appelli, tqis li huwa doveruz fuqha li tezamina jekk it-terminu stabbilit mil-ligi, senjatament l-artikolu 144(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, giex osservat kwantu ghall-appell incidentali, ghaliex kif ritenut pacifikatament fil-gurisprudenza nostrana, ir-regoli procedurali huma ta' ordni pubbliku u ghandhom jigu segwiti *ad unguem*. Fil-fatt jinsab ritenut li:

> "Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura "si debbono osservare alla lettera e non per equipollens" (Vol XVIII pI p879). Dan ghaliex il-procedura hi konsiderata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-ligi "ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-

parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"((Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421)[3].

16. In materja tat-terminu li fih ghandu jigi pprezentat rikors tal-appell, il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi kif gej:

"**144.** (1) Appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-oħra kollha jew kull wieħed minnhom. L-appellant għandu jindika fir-rikors ta appell il-partijiet li kontra tagħhom l-appell ikun qed isir. Ir-rikors ta' appell għandu jiġi notifikat lill-partijiet kollha iżda l-partijiet biss li kontra tagħhom isir l-appell għandhom fi żmien għoxrin jum jippreżentaw it-tweġiba li jkun fiha r-raġunijiet għaliex l-appell għandu jiġi miċħud …

"**226.** (1) L-appell isir b'rikors li jiġi preżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza.

"**240.** (1) Kull parti tista' tinqeda b'appell li jsir minn sentenza, magħduda sentenza parzjali u minn kap wieħed jew iżjed ta' kull sentenza, jew minn digriet interlokutorju, u tista' mhux biss tagħmel appell inċidentali dwar is-sentenza definittiva, sentenza parzjali , kap wiehed jew izjed ta' sentenza jew digriet interlokutorju li jsir appell minnu, iżda wkoll dwar kull sentenza jew kull kap tagħha jew digrieti interlokutorji mogħtija fl-istess kawża ukoll jekk ma jsirx appell minnhom minn min jappella. Dak l-appell inċidentali jista' jsir ukoll kontra u minn kull parti li ma tkunx waħda li kontra tagħha jkun sar l-appell skont l-artikolu 144(1):

"Iżda parti ma tistax hekk tinqeda b'dak l-appell dwar sentenza partikolari jekk dik il-parti tkun diġà appellat minn dik is-sentenza jew minn xi kap tagħha.

"(2) Dik il-parti li tkun bi ħsiebha tinqeda b'dak l-appell għandha tagħmel dikjarazzjoni f'dak is-sens fir-risposta fejn issemmi t-talbiet tagħha u r-raġunijiet għall-appell inċidentali tagħha."

17. Konformament mal-premess, din il-Qorti tosserva illi ghalkemm skont il-ligi ir-risposta tal-appell bl-appell incidentali tal-Bank attur

[3] App.C 75/15: **Geswalda Caruana v. Francis Xerri**, deciza fit-28 ta' April 2017.

kellhom jigu pprezentati entro ghoxrin gurnata minn meta l-istess Bank gie notifikat bir-rikors tal-appell principali, jirrizulta li r-risposta tal-appell kontenenti l-appell incidentali interpost mill-istess Bank ma giex ipprezentat entro dan it-terminu. Din il-Qorti tqis illi appell, inkluz appell incidentali, li jigi propost meta din ir-ritwali ma tigix osservata, huwa inammissibbli u ma jistax jigi kkonsidrat in kwantu proceduralment difettuzi. Jirrizulta fir-rigward illi skont ir-referta *a tergo* fol. 1, il-Bank gie notifikat bir-rikors tal-appell tal-konvenuti fis-27 ta' Dicembru 2012 filwaqt illi r-risposta bl-appell incidentali giet ipprezentata fis-17 ta' Jannar 2013, cioe` wiehed u ghoxrin gurnata wara n-notifika.

18. Dan ifisser illi l-appell incidentali huwa *fuori termine* u kwindu wkoll null, liema nullita` huwa pacifiku li din il-Qorti tista' tissollevaha *ex officio* anke fl-assenza ta' eccezzjoni espressa fir-rigward fir-risposta tal-appell incidentali pprezentata mill-konvenuti appellanti.

**L-Aggravji tal-Appell Principali**

*L-Ewwel Aggravju*

19. L-ewwel aggravju tal-appellanti jittratta d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tiddikjara li l-formazzjoni tal-kumpannija Powercrete Limited hija nulla

ghaliex il-kapital azzjonarju intier tal-kumpannija gie sottoskritt mill-azzjonisti ghan-nom ta' persuna mhux residenti f'Malta, minghajr il-permess rikjest mill-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju, liema decizjoni huma jikkontendu li giet ibbazata fuq asserzjonijiet gratuwiti u mhux fuq fatti konkreti, kif ukoll fuq interpretazzjoni zbaljata tal-ligi in materja.

20. L-appellanti jsostnu fil-korp tal-ewwel aggravju taghhom illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li "*irrizulta lill-Bank attur li l-konvenuti Grixti u Spiteri kienu ssottoskrivew ghall-ishma kollha … ghan-nom ta' Vere Lodder*"[4] m'hijiex imsejsa fuq xi prova akkwizita in atti, ghaliex il-Bank ma gab ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni tieghu li l-konvenuti Grixti u Spiteri kienu effettivament *nominees* tal-imsemmi Vere Lodder. L-appellanti jishqu illi l-ishma gew sottoskritti u mhallsa personalment minn Alfred Grixti u Patrick Sptieri, u konsegwentement ma kien hemm ebda htiega ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 17 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju (Kap. 233).

21. Izda fuq kollox, jissoktaw jilmentaw l-appellanti, anke kieku kellhom isibu riskontru f'dan il-kaz id-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 17(2) tal-Kap. 233 billi kellu jirrizulta li l-azzjonisti konvenuti kienu qed jagixxu f'isem l-imsemmi Vere Lodder, dan in-nuqqas qatt ma

[4] Pagna 2, paragrafu 5 tas-sentenza appellata.

seta' jwassal ghan-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija, kif jippretendi l-Bank u kif del resto ddikjarat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Isostnu illi filwaqt li l-kumpannija giet regolarment kostitwita skont il-ligi, l-Artikolu 17(2) tal-Kap. 233 citat mill-atturi in sostenn tal-ewwel talba taghhom, mhux talli ma jiddisponi b'ebda mod dwar xi nullita` fir-rigward, talli jipprovdi espressament illi n-nuqqas li jinkiseb il-permess tal-Ministru ghas-sottoskrizzjoni ta' ishma f'kumpannija ghan-nom ta' persuna mhux residenti f'Malta ma jgibx in-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija.

22. Il-Bank attur wiegeb ghall-appell billi sostna li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti tal-kaz u rega' elenka l-provi li, skont hu, jikkonfortaw il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar is-sottoskrizzjoni tal-ishma bi ksur tal-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju, fosthom il-minuti tal-laqghat li saru mal-Bank dwar ir-ripagament tas-self maghmul lill-kumpannija, il-ftehim milhuq ma' Patrick Spiteri dwar ir-ripagament ta' nofs id-debitu dovut fuq is-self in kwistjoni, il-fatt illi wara li l-azzjonisti rrizenjaw mill-kariga taghhom ta' diretturi inhatar Vere Lodder bhala direttur minflokhom, kif ukoll il-kontradizzjoni bejn il-verzjonijiet moghtija mill-konvenuti azzjonisti.

23. Kwantu ghall-aggravju tal-appellanti illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi, il-Bank attur isostni illi galadarba jinsab ippruvat illi l-ishma kollha tal-kumpannija gew sottoskritti mill-konvenuti Grixti u Spiteri ghan-nom ta' Vere Lodder li m'huwiex residenti f'Malta, in-nuqqas tal-otteniment tal-permess tal-Ministru ai termini tal-Artikolu 17 tal-Kap. 233, jirrendi l-formazzjoni tal-kumpannija invalida.

24. Ghalkemm il-Bank, rinfaccjat bl-aggravju tal-appellanti dwar id-dicitura preciza tal-Artikolu 17(2), jikkoncedi li l-proviso ghal dan l-Artikolu jipprovdi li "*this subsection shall not <u>in itself</u> render invalid the formation of the company*", ikompli jiggustifika t-talba tieghu li l-formazzjoni tal-kumpannija hija nulla, billi jispjega illi:

> "21. … ... ... <u>l-użu tal-kelmiet "in itself"</u> juri biċ-ċar li l-leġislatur ma kienx qiegħed jeskludi l-possibbilita` li l-formazzjoni tal-kumpanija tkun invalida jekk flimkien ma' dan l-aġir, jissusistu fatti jew ċirkostanzi oħra. Illi huwa ċar li l-iskop ta' din il-parti tal-artikolu hija li l-azzjonisti jingħataw il-possibilta` li jissanaw il-posizzjoni tagħhom sabiex irendu l-formazzjoni tal-kumpanija valida, billi jġibu l-permessi neċessarji.
>
> "22. Illi għalhekk, anki jekk dan il-fatt fih innifsu tas-sottoskrizzjoni tal-ishma minn persuna mhux residenti Malta mingħajr il-permessi meħtieġa ma jrendix il-kumpanija nulla, biex ma ssirx nulla trid tiġi regolarizzata l-posizzjoni tagħha għaliex ma jistax ikollok kumpannija fejn is-sottoskrizzjoni tal-ishma mhux biss kienet invalida għax xi perjodu, iżda tibqa' hekk invalida. Minn dan ma sar xejn.
>
> "23. Inoltre, fil-każ in eżami, ma kienx sempliċi każ fejn is-sottoskrizzjoni kienet invalida għax ma ntalabx permess mill-Bank Ċentrali ta' Malta, iżda mill-fatti li rriżultaw mill-provi joħroġ ċar li l-kumpanija ġiet iffurmata biss bl-iskop qarrieqi li jisselfu dawn il-flejjes mingħajr ebda intenzjoni li jitħallsu lura. Il-kumpanija fil-fatt qatt ma kienet attiva (tant li anki tneħħiet mir-Reġistru tal-Kumpanniji għal

> perjodu taż-żmien għal din ir-raġuni) – l-uniku azzjoni li ħadet din il-kumpanija kienet li d-diretturi/azzjonisti issellfu somma konsiderevoli mingħand il-Bank appellat ftit jiem biss wara l-formazzjoni tagħha, u pprovaw jevitaw li jħasllsu lura d-dejn billi nħbew wara r-responsabbilta` limitata tal-kumpanija, u fil-fatt mis-somma mislufa lanqas kien tħallas sold lura, sakemm ma ħallasx is-sehem tiegħu Patrick Spiteri diversi snin wara. Dan il-fatt waħdu żgur għandu irendi l-kumpanija nulla u illegali.
>
> "24. Illi għalhekk irriżulta mill-provi li l-kapital kollu tal-kumpanija konvenuta Powercrete ġie sottoskritt minn Grixti u Spiteri għan-nom ta' Vere Lodder u l-uniku skop għall-formazzjoni tal-kumpannija Powercrete Limited kien biex tiffinanzja negozju ta' persuna li ma kellhiex residenza maltija u dan mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti. Dan, flimkien mal-fatti l-oħra li rriżultaw mill-provi, jrendi l-formazzjoni tal-kumpanija Powercrete Limited nulla u għalhekk l-ewwel Qorti kienet ġustifikata li laqgħet l-ewwel talba tal-bank."

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

25. Qabel xejn, din il-Qorti tosserva illi huwa manifest minn qari tac-citazzjoni promotrici tal-kawza illi l-Bank attur isejjes l-ewwel talba tieghu ghan-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija Powercrete Limited fuq il-premessa unika li s-sottoskrizzjoni tal-ishma mill-konvenuti Patrick Spiteri u Alfred Grixti saret ghan-nom ta' persuna mhux residenti f'Malta minghajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi kif rikjest mill-Kap. 233. Skont il-Bank, il-fatt li ma nkisibx il-permess tal-Ministru ghas-sottoskrizzjoni tal-ishma ghan-nom ta' persuna li m'hijiex residenti f'Malta jgib in-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija. Tosserva ulterjorment illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu in prim'istanza il-

Bank[5] fisser li jibbaza din it-talba tieghu fuq l-Artikolu 17(2) tal-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju (Kap. 233) kif kien in vigore fiz-zmien tal-inkorporazzjoni tal-kumpannija fl-1994[6], li kien jipprovdi testwalment is-segwenti:

> "17(2) "Is-sottoskrizzjoni minn persuna mhux residenti jew minn persuna li tidher ghal persuna mhux residenti, fil-memorandum tal-assocjazzjoni ta' kumpannija li tkun ser tigi ffurmata skond xi ligi f'Malta, tkun, kemm il-darba ma ssirx bil-permess tal-Ministru, invalida safejn ikollha effett li taghmel lil dik il-persuna membru ta' jew azzjonista fil-kumpannija.
>
> "Izda dan is-subartiklu ma ghandux fih innifsu jrrendi il-formazzjoni tal-kumpannija invalida."

26. Jigi osservat ukoll illi l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, wara li haddnet it-tezi tal-Bank attur u kkonstatat illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuti Grixti u Spiteri waqqfu l-kumpannija Powercrete Limited unikament bl-iskop illi tiffinanzja n-negozju ta' persuna mhux residenti f'Malta minghajr ma kienu muniti bil-permessi necessarji a tenur tal-Kap. 233 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkonkludiet illi "*ghalhekk is-socjeta` Powercrete Limited hi nulla u ghalhekk il-konvenuti Alfred Grixti u Spiteri huma personalment responsabbli ghar-rifuzjoni tal-ammont lilhom misluf mill-Bank attur gialadarba kienu ffirmaw ghalih*".

---

[5] Nota ta' osservazzjonijiet tal-Bank atturipprezentat quddiem l-ewwel Qorti fl-24 ta' Mejju 2012, a fol. 428 *et seq.*
[6] Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, 1972, qabel dan gie sostitwit bl-Att IX tal-2003.

27. Madanakollu, din il-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi tal-Bank attur u kwindi, mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Dan ghaliex in-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija li, skont il-Bank attur, tinsorgi mill-fatt li l-konvenuti azzjonisti issottoskrivew ghall-ishma tal-kumpannija bhala *nominees* ta' persuna mhux residenti f'Malta minghajr ma nkiseb il-permess tal-Ministru ghal din is-sottoskrizzjoni, hija msejsa espressament fuq id-dispost tal-Artikolu 17(2). Madanakollu, dan l-Artikolu altru milli jiddikjara n-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija fl-eventwalita` li kellu jirrizulta li l-ishma tal-kumpannija gew sottoskritti bi ksur tar-rekwiziti tieghu, jeskludi espressament[7] l-invalidita` tal-formazzjoni tal-kumpannija.

28. Filwaqt li huwa minnu li s-subinciz (2) tal-Artikolu 17 jistipola li fic-cirkostanzi hemm kontemplati, tkun invalida s-sottoskrizzjoni tal-ishma minn jew ghan-nom tal-persuna mhux residenti f'Malta, il-proviso tal-istess subinciz huwa pjuttost inekwivoku fis-sens illi l-ksur tar-rekwizit tal-permess tal-Ministru ghas-sottoskrizzjoni ta' ishma minn jew ghan-nom ta' persuna mhux residenti f'Malta, ma jgibx in-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija.

[7] Fil-proviso tal-Artikolu 17(2) tal-Kap. 233.

29. Mizmum ferm il-premess, u irrispettivament mir-rizultanzi tal-provi dwar il-kwalita` li fiha setghu agixxew il-konvenut Grixti u Spiteri meta sottoskrivew ghall-ishma tal-kumpannija Powercrete Limited, il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-formazzjoni tal-istess kumpannija hija nulla ghaliex is-sottoskrizzjoni tal-ishma ma kienetx munita bil-permessi mehtiega ai fini tal-Kapitolu 233, ma ghandhiex mis-sewwa. In-nullita` pretiza mill-Bank attur u konstatat mill-ewwel Qorti kjarament m'hijiex sorretta mit-test tal-ligi citata mill-istess Bank in sostenn tal-ewwel talba tieghu, anzi hija specifikatament eskluza, bil-konsegwenza li din il-Qorti tqis li anke fl-eventwalita` li kellu jirrizulta mill-provi li l-konvenuti azzjonisti kienu verament iffurmaw il-kumpannija u sottoskrivew ghall-ishma bhala *nominees* ta' Vere Lodder, il-konsegwenza legali ta' dan il-fatt wahdu ma setghet qatt tkun in-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija.

30. Eskluza ghalhekk in-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija bil-ksur tad-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kap. 233, u maghdud il-fatt li l-ewwel talba attrici hija fondata unikament fuq il-ksur ta' dan id-dispost tal-ligi kif kien in vigore fiz-zmien relattiv, din il-Qorti hija tal-fehma li l-unika konsegwenza koncepibbli fl-eventwalita` li l-ipotesi deskritta mill-Bank fis-sottoskrizzjoni tal-ishma tal-kumpannija kellu jirrizulta li huwa fondat, tkun l-invalidita` tas-sottoskrizzjoni li tkun saret fil-kwalita`

rapprezentattiva allegata mill-Bank attur. Din il-Qorti tqis li l-uniku rizultat fil-kaz odjern ikun li s-sottoskrizzjoni irregolari titqies li tkun saret f'isem proprju tas-sottoskrivent li jkun agixxa ghan-nom tat-terz minghajr il-permess mehtieg, cioe` f'isem proprju tal-konvenuti Grixti u Spiteri, kif del resto jirrizulta mill-Memorandum tal-Assocjazzjoni tal-kumpannija Powercrete Limited.

31. Jigi osservat in propositu illi lanqas is-sottomissjoni tal-Bank attur fir-risposta tal-appell tieghu illi l-uzu tal-kliem "*in itself*" kien intiz mil-legislatur biex iqis bhala nulla dik il-kumpannija fejn l-azzjonisti jibqghu ma jirregolarizzawx il-pozizzjoni taghhom billi jgibu l-permessi necessarji, ma hija konfortata mid-dicitura tal-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi. Ghalkemm mhux mehtieg f'kull kaz li n-nullita` tkun espressament kontemplata mil-Ligi, huwa daqstant iehor risaput li n-nullita` lanqas tista' tigi dezunta b'mod implicitu fejn il-ligi stess mhux talli teskludi n-nullita` talli tfisser car u tond il-konsegwenzi legali tal-ksur tad-dispost taghha. F'dan il-kaz, huwa evidenti li biex il-ksur tad-disposizzjonijiet tas-subinciz (2) tal-Artikolu 17 fuq imsemmi possibilment iwassal ghan-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija irid ikun hemm konkorrenza ta' fatturi ohrajn li jgibu n-nullita`.

32. Madanakollu, fil-kaz odjern u kif gia` nghad, il-Bank isejjes it-talba ghan-nullita` unikament fuq il-ksur da parti tal-konvenuti Grixti u Spiteri tal-Artikolu 17(2) tal-Kapitolu 233 meta agixxew f'kapacita` rapprezentattiva ta' persuna mhux residenti f'Malta fis-sottoskrizzjoni tal-ishma tal-kumpannija Powercrete Limited, u fuq ebda konsiderazzjoni ohra. Dan jirrizulta manifest mill-premessi tac-citazzjoni attrici.

33. Ghal din l-istess raguni, m'hijiex f'lokha s-sottomissjoni ulterjuri tal-Bank attur fir-risposta tal-appell tieghu fejn, f'tentattiv car li jigbor u jissostanzja t-tezi tieghu dwar in-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija wara li gie rinfaccjat bid-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 17(2) tal-Kap. 233, jikkontendi li n-nullita` ghandha ssegwi mill-fatt li jirrizulta mill-provi li l-kumpannija giet iffurmata bi skop qarrieqi[8] li ssellef flus mill-Bank bl-intenzjoni li dawn ma jithallsux lura. Huwa evidenti illi l-Bank ma pprocediex b'din il-kawza abbazi tal-premessa li l-azzjonisti qarrqu bih fis-self tal-flus lill-kumpannija, izda abbazi tal-ksur tar-rekwizit tal-Artikolu 17(2) li skont hu, igib in-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija u kwindi, ir-responsabbilita` personali tal-konvenuti Spiteri u Grixti ghall-hlas tad-debitu in kwistjoni. Dan kien il-binarju specifikatament maghzul mill-Bank u li fuqu sejjes l-interess tieghu f'din l-azzjoni, u ghalhekk m'huwiex permess li f'dan l-istadju tal-proceduri jipprova jargina l-

[88] Ara paragrafu 23 tar-risposta tal-appell tal-Bank.

azzjoni tieghu f'parametri differenti minn kif impostati quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad.

34. Konformament mal-premess, hija wkoll barra minn lokha l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-konvenuti Grixti u Spiteri waqqfu l-kumpannija Powercrete Limited bhala "*sotterfug … ovvjament ta' indoli kriminali*"[9] biex jiffinanzjaw in-negozju ta' persuna residenti barra minn Malta. Jigi ribadit illi d-destinazzjoni tal-fondi u l-iskop tan-negozju tal-kumpannija ma jiccentrawx fil-qafas tal-azzjoni attrici li hija kjarament imfassla fuq xejn ghajr l-allegat ksur tar-regoli tal-kontroll tal-kambju fl-akkwist tal-kapital azzjonarju tal-kumpannija. Huwa proprju dan il-ksur li skont il-Bank ghandu jwassal ghan-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija u kwindi ghar-responsabbilita` personali tal-azzjonisti ghall-hlas tas-self bankarju moghti lill-istess kumpannija, u mhux xi agir frawdolenti fit-tehid tas-self bankarju.

35. Mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq premessi, din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi illi fic-cirkostanzi lamentati mill-Bank attur fil-qafas tal-azzjoni minnu esperita, il-formazzjoni tal-kumpannija Powercrete Limited ma hijiex nulla, u galadarba m'hijiex nulla, din il-Qorti tqis ukoll li l-fatt <u>wahdu</u> li l-konvenuti Grixti u Spiteri jiddetjenu

[9] Paragrafu 3(iv) f'pagna 7 tas-sentenza appellata.

f'isimhom proprju (minghajr qies tal-konsiderazzjoni dwar il-kapacita` rapprezentattiva o meno taghhom fir-rigward) it-totalita` tal-ishma tal-kapital azzjonarju tal-kumpannija, ma jistax isarraf fir-responsabbilita` personali taghhom ghall-hlas tas-self moghti mill-Bank lill-istess kumpannija.

36. Ghal dawn il-motivi huwa manifest illi filwaqt li d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara l-formazzjoni tal-kumpannija Powercrete Limited bhala nulla hija nieqsa minn fondatezza legali in kwantu bbazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi in materja, l-ewwel aggravju tal-appellanti fir-rigward jirrizulta li huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju*

37. Din il-Qorti tifhem illi minkejja l-validita` evidenti tal-formazzjoni tal-kumpannija ghall-finijiet ta' din l-azzjoni, jibqa' biex jigi determinat jekk ir-responsabbilita` personali tal-appellanti jirrizultax minn fatturi ohrajn premessi mill-Bank attur u konstatati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u dan huwa proprju l-mertu tat-tieni aggravju tal-appellanti.

38. L-appellanti jikkontendu illi l-unika konsegwenza legali f'kaz li jigi rravvizat xi ksur tad-dispozizzjonijiet tas-subinciz (2) tal-Artikolu 17 tal-Kap. 233 tkun l-invalidita` tas-sottoskrizzjoni tal-ishma tal-kumpannija ghan-nom ta' terz li m'huwiex residenti f'Malta izda certament mhux ir-responsabbilita` personali tal-konvenuti Grixti u Spiteri ghall-hlas lura tas-self bankarju. Jilmentaw illi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti f'dan is-sens hija bla bazi u *non sequitur* u jsostnu illi huwa evidenti f'dan il-kaz u gie anke rikonoxxut espressament mill-Bank, li l-istess Bank silef il-fondi lill-kumpannija Powercrete Limited u mhux lill-azzjonisti taghha. Inoltre, jissottomettu li dan is-self inghata minghajr ma ntalbet ebda forma ta' garanzija, lanqas il-garanzija personali tal-istess azzjonisti li kienu wkoll dak iz-zmien l-unici diretturi tal-kumpannija.

39. L-appellanti jilmentaw in konkluzjoni illi l-arrangament li seta' ghamel il-konvenut l-iehor Patrick Spiteri ghar-ripagament ta' parti mill-ammont pretiz mill-Bank ma jistax jippregudika l-pozizzjoni taghhom u jsawwar xi responsabbilita` personali da parti taghhom ghall-hlas tal-ammont pretiz mill-Bank, u lanqas jista' jissarraf f'ammissjoni li l-ishma fil-kumpannija gew sottoskritti minnhom bhala *nominees* ta' Vere Lodder. Skont l-appellanti, din il-kawza hija biss tentattiv malizzjuz da parti tal-Bank biex jalloka d-debitu tal-kumpannija lill-appellanti.

40. Da parti tieghu, il-Bank appellat isostni li n-nullita` tal-formazzjoni tal-kumpannija ghandha tissarraf fir-responsabbilita` personali tal-konvenuti ghaliex kienu huma li ffirmaw ghas-self. Jammetti li s-self kien *unsecured*, izda jikkontendi illi anke kieku kellu jigi accettat li l-formazzjoni tal-kumpannija m'hijiex nulla, xorta wahda ghandu jiskatta fil-konfront tal-istess konvenuti l-Artikolu 76 tal-Ordinanza dwar Is-Socjetajiet Kummercjali (Kap. 168 tal-Ligijiet ta' Malta), ghaliex minghajr ta' hrug skont il-ligi tac-certifikat ta' registrazzjoni tal-kumpannija, il-konvenuti huma responsabbli personalment u *in solidum* ghall-ghemil taghhom, inkluz ghalhekk ghas-self bankarju moghti lill-kumpannija.

41. Il-Bank jissottometti wkoll fir-risposta tal-appell tieghu illi l-hlas da parti ta' Patrick Spiteri ta' nofs id-debitu fuq is-self in kwistjoni, ghandu jitqies bhala ammissjoni cara tar-responsabbilita` personali tieghu ghall-hlas ta' dan is-self moghti lill-kumpannija Powercrete Limited.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

42. Jigi osservat illi l-ewwel Qorti, fil-korp tas-sentenza appellata[10] iddikjarat li peress li l-kumpannija ma kienetx munita bil-permessi necessarji biex tiffinanzja n-negozju ta' persuna mhux residenti f'Malta,

[10] Paragrafi 10 u 11 f'pagna 7 tas-sentenza appellata.

il-formazzjoni tal-kumpannija "… hi nulla u ghalhekk il-konvenuti Grixti u Spiteri huma personalment responsabbli ghar-rifuzjoni tal-ammont lilhom misluf mill-Bank, galadarba kienu ffirmaw ghalih".

43. Din il-Qorti tibda billi tosserva li, milqugh l-ewwel aggravju u stabbilit li l-formazzjoni tal-kumpannija ma hijiex nulla, ma tista' tirravviza ebda rabta bejn il-kwalita` ta' azzjonist f'socjeta` b'responsabbilita` limitata, u l-kuncett tar-responsabbilita` personali tal-istess azzjonist ghad-dejn tal-kumpannija. Jinghad in propositu illi, f'kaz ta' socjeta` b'responsabbilita` limitata, il-ligi hija cara fis-sens li r-responsabbilita` personali tal-azzjonisti ghad-debiti tas-socjeta` hija limitata ghal dak l-ammont li jista' talvolta ma jkunx ghadu mhallas fuq l-azzjonijiet rispettivament mizmuma minnhom fl-istess kumpannija[11], liema responsabbilita` f'kull kaz tassumi relevanza biss fl-istralc ta' kumpannija[12].

44. Kwantu, imbaghad, ghall-kwistjoni tar-responsabbilita` personali tad-diretturi tal-kumpannija ghad-debiti tal-istess kumpannija, din il-Qorti tqis li lanqas ir-referenza maghmula mill-Bank appellat ghall-Artikolu 76 tal-Kap. 168 ma tista' ssalva t-tezi tieghu u l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita` personali tal-konvenuti Grixti u Spiteri meta,

[11] Artikolu 67 tal-Att dwar il-Kumpanniji.
[12] Ara Artikoli 215 u 216 tal-Kap. 386.

bhala diretturi tal-kumpannija, dehru in rapprezentanza tal-kumpannija biex jinghata s-self bankarju. L-imsemmi Artikolu 76 jipprovdi:-

> "76. Il-persuni kollha li jmexxu negozju f'isem ta' kumpannija li dwarha ċertifikat ta' reġistrazzjoni ma jkunx inħareġ skont din l-Ordinanza jew qabel id-data murija f'ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala d-data li fiha kumpannija tibda sseħħ ikunu personalment u in solidum responsabbli għall-egħmil tagħhom mat-terzi li jkunu in bona fede u jkollhom, kontra xulxin u limitatament għall-proprjetà miksuba minn dak in-negozju, dawk id-drittijiet biss li huma mogħtija b'liġi lil komproprjetarji.

45. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-Artikolu m'huwiex relevanti ghall-kaz odjern. Diga` gie stabbilit illi l-formazzjoni tal-kumpannija m'hijiex nulla, u korollari ta' dan huwa l-fatt illi c-certifikat ta' registrazzjoni li hareg ghall-istess kumpannija kien wiehed validu, tant illi l-kumpannija baqghet tezisti ghal diversi snin sakemm giet imnehhija mir-Registru tas-Socjetajiet a tenur tal-procedura skont l-Artikolu 325 tal-Kap. 386[13]. Barra minn hekk, huwa evidenti illi l-iskop tal-Artikolu fuq citat huwa biex jirregola kazijiet u jipprovdi ghar-responsabbilita` personali tad-dirigenti ta' negozju li jiggestixxu negozju f'isem kumpannija <u>minghajr jew qabel</u> jinhareg ic-certifikat ta' registrazzjoni tal-istess kumpannija.

46. Ghall-bqija, din il-Qorti tosserva li l-kuncett tar-responsabbilita` personali tad-direttur ta' socjeta` ta' responsabbilita` limitata, generalment maghruf bhala *lifting of the corporate veil*, jista' jsib

[13] Ara xhieda ta' Dr. Claudette Fenech, *ibid,* li kkonfermat ukoll li llum il-kumpannija tidher fuq ir-Registru tal-Kumpanniji bhala kumpannija attiva.

riskontru biss f'azzjonijiet ghal responsabbilita` ghal kummerc bi frodi u kummerc hazin. In propositu, jigi osservat illi huwa wkoll pacifiku illi l-kuncetti ta' *wrongful trading* u *fraudulent trading* jista' jkollhom relevanza biss fil-kuntest ta' proceduri ghall-istralc ta' kumpannija, b'mod illi jekk kumpannija ma tkunx fil-process ta' stralc, kwalunkwe konsiderazzjoni dwar ezercizzju ta' kummerc bil-hsieb ta' frodi tal-kredituri jew dwar kummerc hazin, ma hijiex ammissibbli[14]. Dan il-principju gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet v. Carnick Construction Limited et**[15], fejn gie ritenut illi sabiex jinghataw konsiderazzjoni allegazzjonijiet ta' *fraudulent u wrongful trading*:- "*… kumpannija mhux biss trid tkun xjolta, izda trid tkun giet stralcjata*".

47. Illi huwa wisq evidenti li din l-azzjoni m'hijiex wahda ghall-istralc tal-kumpannija Powercrete Limited, tant illi l-Bank attur tabilhaqq ipproceda fil-mori ta' din il-kawza sabiex il-kumpannija, li kienet imhassra mil-lista tas-socjetajiet, terga' titqieghed fuq ir-Registru tas-Socjetajiet ghall-finijiet tal-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpanniji, liema talba kienet giet akkolta b'digriet tat-23 ta' April 2008[16].

48. Ferm il-premess, u mehud qies tal-fatt li kif gia` osservat, il-formazzjoni tal-kumpannija ma hijiex nulla, din il-Qorti ma tistax

---

[14] Art. 315 u 316 tal-Att dwar il-Kumpanniji.
[15] Prim'Awla tal-Qorti Civili – deciza 9 ta' Gunju 2011.
[16] Vide xhieda ta' Dr Claudette Fenech fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2008.

tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti li l-konvenuti huma personalment responsabbli ghar-rifuzjoni tas-self ghaliex kienu huma li ffirmaw ghas-self. Kif qalu tajjeb l-appellanti, l-ammont pretiz gie misluf mill-Bank lill-kumpannija u mhux lill-konvenuti Spiteri u Grixti, u dan jirrizulta wkoll ammess mill-Bank attur fl-ewwel premessa tac-Citazzjoni tieghu. Fin-nuqqas ukoll tal-garanzija personali tal-konvenuti[17] bhala diretturi jew azzjonisti tal-kumpannja biex jaghmlu tajjeb ghar-ripagament tal-ammont misluf, ma ghandhiex mis-sewwa l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-appellant Grixti huwa personalment responsabbli ghall-hlas tal-ammont misluf ghaliex iffirma ghalih.

49. Dwar il-fatt li jirrizulta mill-provi illi l-konvenut Patrick Spiteri hallas lill-Bank nofs l-ammont dovut fuq is-self in kwistjoni din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. L-arrangament li ghamel l-imsemmi konvenut huwa kjarament limitat ghal dak is-sehem tal-ammont misluf li huwa accetta li jerfa', u b'ebda mod ma jirreferi ghall-konvenut Grixti jew jimplikah b'xi mod f'din l-accettazzjoni. Jirrizulta mid-depozizzjoni tal-konvenut Spiteri illi l-ftehim li huwa lahaq mal-Bank dwar il-hlas ta' parti mis-self tal-kumpannija huwa dahal ghalih ghal skopijiet personali tieghu u, kif anke sostna fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu f'din il-kawza, dan l-arrangament sar minghajr ebda pregudizzu ghall-ezitu tal-kawza, ahseb u ara

[17] Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, Dr. Eric Mamo jikkonferma illi ma ntalbitx garanzija personali tad-diretturi ghal dan is-self – fol. 113.

ghalhekk, ghall-pozizzjoni tal-konvenut l-iehor. Il-fatt li l-ammont li l-konvenut Spiteri accetta li jhallas seta' gie saldat illum ma jista' jibdel xejn minn din il-pozizzjoni u ghaldaqstant din il-Qorti tqis li dan l-aspett tal-aggravju tal-appellanti huwa wkoll gustifikat.

50. Ghaldaqstant, it-tieni aggravju tal-appellanti li jittratta d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tiddikjara lill-konvenuti personalment responsabbli ghall-hlas tal-ammont misluf lill-kumpannija, jirrizulta li huwa gustifikat u qieghed ghalhekk jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqghu *in toto* u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellanti, tirrevokaha in kwantu laqghet it-talbiet attrici u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu u tichad l-istess talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku esklussiv tal-Bank attur.

| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |
|---|---|---|

Deputat Registratur
df